MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1656/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C21550)**

**Vs**

**(1) Yurgen Cassar (428585(M))**
**(2) Pawlu Cutajar (173561(M)) f'ismu propju u in rapprezentanza tas-socjeta` South West Cleaners Limited (C31817)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Awissu, 2005 li permezz tieghu s-socjeta` attrici qed titlob lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil konvenuti jew min minnhom sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm537.32) rapprezentanti kumpens ta' danni sopportati mis-socjeta` attrici sabiex tigi sodisfatta r-responsabbilita` tal-persuna koperta bil-polza u

konsegwentement ghas-sentenza deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet ‘Elmo Insurance Limited v. Yurgen Cassar’ (2154/05JR) fl-1 ta’ Dicembru 2003; u liema somma s-socjeta` attrici ghandha d-dritt tiehu lura mill-konvenuti jew min minnhom skond il-ligi kif ukoll skond il-polza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut Paul Cutajar pro et noe tat-18 ta’ Ottubru 2005 fejn eccepixxa illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici m’huwiex dovut stante li la Pawlu Cutajar u lanqas is-socjeta` South West Cleaners Limited ma ghandhom ihallsu danni in konnessjoni ma’ l-incident mertu ta’ din il-kawza.

Ra illi l-konvenut Yurgen Cassar baqa` ma rrispondiex ghall-Avviz, anke jekk dan jidher mill-atti li gie debitament notifikat.

Ra l-atti kollha tal-kawza, d-dokumenti esebiti u sema` x-xhieda kollha mressqa.

Ra illi fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2006 d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza u l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici ntavolat dawn l-odjerni proceduri wara illi skond il-ligi kienet kostretta thallas s-somma hawnhekk mitluba in segwitu ghas-sentenza ta’ dan it-Tribunal diversament presedut tas-16 ta’ Dicembru 2004 fil-kawza 2154/04 (sentenza esebita fol 34);

Ili s-socjeta` attrici harrket tlett persuni, ossia, lil Yurgen Cassar (li baqa` kontimaci) li kien il-persuna illi kien qed isuq il-vettura IBI – 046, vettura koperta b’polza ta’ l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici, lil Pawlu Cutajar, ossia l-persuna li fuqu nharrget il-polza ta’ l-

assikurazzjoni tal-vettura msemmija skond il-proposal form tieghu stess (Dok E2C 3) u lis-socjeta` South West Cleaners Limited (C 31817).

In kwantu din ta' l-ahhar, ossia s-socjeta` South West Cleaners Limited, it-Tribunal jiehu nota ta' dak li xehed Dr Edward Zammit Laferla, Legal Affairs Executive tas-socjeta` attrici (fol 32) li jghid illi jidher illi ma kien hemm ebda relazzjoni ta' l-assikurazzjoni mas-socjeta` South West Cleaners Limited.

Ghalhekk, ghalkemm ma kienitx eccepita` mis-socjeta` konvenuta n-nuqqas ta' relazzjoni giuridika mas-socjeta` attrici – b'dana kollhu t-Tribunal ser jikkonkludi illi s-socjeta` konvenuta ma' ghandiex tigi kkundannata thallas ebda ammont a bazi tar-ragunijiet u motivazzjonijiet hawn fuq maghmula.

Jifdal ghalhekk illi t-Tribunal jistabillixxi jekk t-talba attrici hix sostenibbli fil-konfront ta' Yurgen Cassar u Pawlu Cassar.

It-Tribunal jikkunsidra illi gie ppruvat is-segwenti :

Fiz-zmien ta' l-incident de quo, il-konvenut Yurgen Cassar kellu 18 il-sena.

Kif  indikat fl-istess proposal form ta' Pawlu Cutajar (Dok EZL 3), il-vettura tieghu Isuzu IBI – 046, kellha tinstaq biss minn persuni ta' eta` ta` wiehed u ghoxrin (21) sena il-fuq.

Illi Yurgen Cassar kien qed isuq il-vettura IBI – 046 fil-hin ta' l-incident (vide police report – Dok 3 fol 38).

Ili x-xhieda ta' Yurgen Cassar moghtija fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2006 xejn ma hija kredibbli u l-versjoni moghtija f'dik l-okkazjoni minn Yurgen Cassar ma` tistghax titwemmen meta komparata mar-*Road Accident Report* esebit.

Illi jirrizulta wkoll illi l-konvenut Yurgen Cassar ma deherlux illi kellu jikkontesta l-kawza li saritlu mit-terz

nvoluta mieghu fl-incident - u ghalhekk hemm decizjoni tat-Tribunal kompetenti li sabitu unikament responsabbli ghall-incident ta’ l-1 ta’ Dicembru 2003.

Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza 2256/98 fl-ismijiet Hugh P.Zammit noe vs John Mifsud et (1/04/2005) li trattat sitwazzjoni simili ghal din l-odjerna kawza :

ghalkemm huwa veru ili din il-kawza ma kienitx tigi fis-sehh li kieku ma sehhx l-incident awtomobilistikiu in kwistjoni, madankollu wiehed ghandu jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li nholqu bhala rizultat ta’ l-istess incident awtomobilistiku.

Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn Yurgen Cassar u Elmo Insurance/Gemma Depasquale bbazata fuq htija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-relazzjoni bejn Gemma Depasquale u s-socjeta` attrici li tohrog ex lege mill-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fit-tielet lok hemm ir-relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Pawlu Cutajar, liema relazzjoni hi bbazata fuq inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut msemmi.

L-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenut Pawlu Cutajar hija bbazata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat, cioe Pawlu Cutajar, naqas li josserva l-obbligi mposti fuqu bhala kundizzjoni tal-hrug tal-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni. Dan in-nuqqas jidderivi mill-fatt li l-konvenut Pawlu Cutajar ippermetta lill-konvenut Yurgen Cassar isuq il-vettura assigurata mis-socjeta` attrici meta dan Yurgen Cassar ma kellux l-eta` rikjesta fl-istess polza u b’hekk meta sar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-polza ta’ l-assigurazzjoni ma kienitx tkoprih. Il-konvenut Pawlu Cutajar bhala propjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil Yurgen Cassar isuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-konvenut Pawlu Cutajar naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta’ dawk il-flejjes kollha li s-socjeta` assiguratrici kienet obbligata li thallas lit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku kollox ai termini ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Konsegwentement, ghalkemm huwa veru li d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma ikkawzahx l-konvenut Paul Cutajar, pero` xorta wahda huma danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba illi huwa naqas illi josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' assikurazzjoni bejnu u bejn is-socjeta` attrici. Dan in linea mas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell hawn fuq citata.

It-Tribunal ma jistghax wkoll jiskarta l-fatt illi hemm sentenza definittiva ta' Qorti/Tribunal kompetenti illi ddikjara lill-konvenut l-iehor Yurgen Cassar bhala unikament responsabbli ghall-incident de quo.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jillibera lis-socjeta` konvenuta South West Cleaners Limited mill-osservanza tal-Gudizzju stante n-nuqqas ta' relazzjoni giuridika mas-socjeta` attrici, jilqa` t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Yurgen Cassar u Pawlu Cutajar proprjo, u tikkundannhom flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u seba u tletin Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm537.32).

Bl-ispejjez ta' din l-istanza li jigu sopportati kollha mill-istess konvenuti Yurgen Cassar u Pawlu Cutajar in solidum bejniethom salv ghal dawk relattivi ghas-socjeta` South West Cleaners Ltd li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici u bl-imghax mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------